MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## IAN FARRUGIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1130/2010

**IL-PULIZJA**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**
**JEAN CLAUDE MICALLEF**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Jean Claude Micallef ta' 23 sena bin Emanuel u Josephine nee' Scerri imwieled Pieta' fit-03 ta' Awwissu 1987 u residenti 70 Triq il-Port Ruman M'Xlokk, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 347187(M) gie akkuzat talli :

1. F'Lulju 2010 u Settembru 2010, f'dawn il-Gzejjer, fil-kapacita` tieghek personali u fil-kapaċita' tiegħek bħala Direttur tal-kumpanija Impel Communications Company Limited, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq

ieħor, ingann, jew billi urejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Mark Anthony Portelli detentur tal-karta ta' l-identita' numru 535880(M), ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, fil-kapacita` tieghek personali u fil-kapacita' tiegħek bħala Direttur tal-kumpanija Impel Communications Company Limited, approprjajt ruħek, billi dawwart bi profit għalik jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Mark Anthony Portelli detentur tal-karta ta' l-identita' numru 535880(M), ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali (ara folio 81) fejn huwa dehrlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) fl-Artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
(b) fl-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
(c) fl-Artikoli 17, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat li fl-udjenza ta` l-14 ta` Ottubru 2011, l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciza bi procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi *in succint* il-kaz jirrigwarda negozjati u konsegwenti ftehim, datat 13 ta` Lulju 2010, bejn l-imputat u Mark Anthony Portelli. Dan il-ftehim gie msejjah *Sales and Purchase Agreement*. L-imputat ghadda tlett cekkijiet, wiehed ta` €3000, li issarraf, u zewg cekkijiet ohra *post dated* li baqghu ma gewx onorati. Fi ftit granet wara li gie ffirmat tali ftehim, u wara li kien issarraf l-ewwel cekk, inqala xi dizgwid bejn il-firmatarji ta` dan il-ftehim. Dizgwid li wassal lill-imputat ma jhallasx (ossia ra kif iz-zewg cekkijiet ma jigux onorati) lil Mark Anthony Portelli, u lil Mark Anthony Portelli ma jithallasx ta` dak li ippretenda li huwa tieghu. Giet intavolata kawza civili minn Mark Anthony Portelli li sa certu punt tolqot il-mertu tal-kawza odjerna.

Ikkunsidrat;

Illi minn ezami dettaljat tar-rizultanzi processwali jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim u dan il-ftehim, jidher li ma nzammx peress illi l-imputat hass li Mark Anthony Portelli kien naqas f'xi obbligi fil-konfront tieghu.. Fix-xhieda tieghu, Mark Anthony Portelli jghid (ara folio 55) illi l-imputat qallu li kien ikkancella l-hlas ghaliex huwa (Mark Anthony Portelli) ma kienx onora l-kuntratt. A folio 57 mbaghad, l-istess Mark Anthony Portelli jistqarr illi l-imputat ma riedx jonora l-ftehim li kienu ghamlu u li allura ma riedx ihallsu. Fil-fehema ta` din il-Qorti mkien fl-atti ma jirrizultaw a sodisfazzjon tal-ligi l-elementi kostituttivi tar-reati addebitati taht l-Artikoli 308 u 309.

Din il-Qorti rat numru sostanzjali ta` sentenzi in materja. Hawnhekk sejra tirriproduci dak migjub fis-sentenza tal-

**Qorti ta` l-Appell Kriminali** tat-30 ta` Dicembru 2004 (App Nru **130/2003 VDG**) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmela German" :

In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** li: **"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56)."**

Imkien mill-provi ma jirrizulta li Mark Anthony Portelli gie b'xi mod ingannat. Mhux il-kompitu ta` din il-Qorti li tara jekk l-imputat kellux jew le ragun li jwaqqaf il-pagamenti. Dik hi materja li ghandha tigi deciza mill-Qorti kompetenti. La ma jirrizultax l-element ta` l-ingann da parti ta` l-imputat, huwa ma jistax jinstab hati ta` truffa jew ta` frodi innominata.

Kwantu ghall-approprijazzjoni indebita (inkluz dik aggravata), minghajr tigbid, din il-Qorti tiddikjara minnufih li mkien mill-atti ma jirrizultaw l-elementi kostituttivi tar-reat ta` approprijazzjoni indebita kif migjub fit-tieni imputazzjoni. Dan ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li

jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profit ghalieh jew ghal haddiehor.[1]

In oltre, ghalkemm dan bhala fatt ma giex ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi f'dan il-kaz, il-hrug ta` cheques minn persuna li taf li dawk ic-cheques ma jistghux jissarrfu, ma jammontax ghar-reat ta` approprijazzjoni indebita (ghalkemm jista jammonta ghal truffa).

Jirrizulta evidenti li l-kwistjoni li nibtet bejn l-imputat u Mark Anthony Portelli kienet wahda ta` natura purament civili u ma kienx hemm lok, *ab initio*, ghall-procediment kriminali.[2]

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI** ssib lill-imputat Jean Claude Micallef mhux hati ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u konsegwentement minnhom tilliberah skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara App. Krim VDG - 09/06/1998 "Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni";
[2] Ara App. Krim 21/03 VDG - 23/12/2003 "Il-Pulizija vs Avukat Dr Siegfried Borg Cole" (pagna 2);